# Żamma

Iż-żmien ma jinżammx.
Jinqata' l-ħabel u jaħrab;
il-batteriji jiddgħajfu
iħallihom stenduti
jaqbiżhom u jbewweġ;
il-minutieri jitħeddlu
jiġru warajh, u jgħaddihom.

Għalxejn it-tiġmigħ
t'arloġġi ħelwin seduċenti;
namrat,
jgħix għal ftit magħhom,
jitlaqhom u jibqgħu
weħedhom fuq l-ixkafef.

Lanqas il-mażżri ma jxekkluh,
u l-kukù li jtaqtaq mit-toqba
jilħaq imut.

Biss l-emozzjoni żżommu.
Tifkira
ta' mħabba,
ta' mibgħeda,
t'għira,
t'estasi,
ta' disperazzjoni
tiffossilizzah,
issaqqfu f'kunvent,
tkennu f'arkivju,
taqflu f'ħabs.

Tifkira twaqqtu,
iżżommu
għadsa tal-ġmiel fil-ħadda
jew ferita ta' xafra.

***Manwel Cassar***
24.2.2000

Dawn il-versi tqanqlu mill-kollezzjoni t'arloġġi żgħar ta' ħlewwa kbira li hi murija fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt Valletta.



# Awtur tal-Baħar

Dalgħodu mxejt nervuż għall-aħħar darba
fix-xtajta fejn trabbejt f'destin imqanqal,
fejn drabi rqadt u ħlomt ħolm is-sereni,
fejn kbirt bla ntbaħt u doqt kull kelma mielħa
fejn ksibt mas-sħab u smajt rakkont il-gawwi,
fejn bkejt bla dmugħ u ħasel wiċċi l-baħar,
fejn spiss rassejt kull nifs, żammejt b'tifkira
ballata ta' l-imħabba.

U llejla reġa' żmien biex nerġa' nitlaq
nitbiegħed mid-dawl kiebi tal-lanterna
u nsalpa minn dal-post mal-mewġ tas-sekli.
U nbaħħar lejn lil hinn, lejn il-misteri,
nivvjaġġa mar-riħ kiesaħ ta' l-imgħoddi
u nsegwi l-kewkba bogħod tat-tramuntana
biex ngħib u ħadd ma jsibni.

U jekk xi jum tistaqsu x'ġara minni
tinsewx li jiena fosfru luminanti
ta' ljieli ħosbenin u solitarji,
tinsewx li jiena karba kommoventi
li tidwi mas-sisien fil-maltempati,
tinsewx li jiena mewġa silenzjuża
li tiżfen ballu wieħed kull mitt sena,
tinsewx li jiena awtur ta' dan il-baħar
li jikber bla jixjieħ u jgħix għal dejjem.

***Charles Bezzina***
25.10.98